MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2007

Avviz Numru. 106/2007

**Jolly Imports & Distribution Limited (C-1389)**

**Vs**

**Sovereign Hotels Limited (C-10538)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas lis-socjeta attrici ta' elfejn seba' mija tmienja u tmenin lira u erba centezmi (Lm2788.04) bilanc ta' import ta' merkanzija mibjugha u konsenjata flimkien ma spejjez konnessi skond prospett anness (Dok A), kif ukoll l-imghax mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effetiv u l-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru kawtelotorju tal-11 ta' April 2007.

Wara li rat l-anness dokument markat Dok A a fol 2 sa fol 5 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx fl-20 ta' Gunju 2007 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm2788.04,0 bl-imghax legali mit-tnejn (2) ta’ Marzu 2007 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tas-sekwestru kawtelatorju tal-11 ta’ April 2007.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------